**Il-Ġimgħa**

**It-Tielet ġimgħa tas-salterju**

V. O Alla, ejja eħlisni.
R. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu. Hallelujah.

**INNU**

1.
Int għammart, Mulej b'setegħtek
l-art li ħlaqt, u mtliet bil-bhejjem
ta' kull razza u ta' kull sura,
u tgħaxxaqt bl-għemejjel tiegħek.

2.
Wara dan sawwart il-bniedem:
skond ix-xbieha tiegħek ħlaqtu
u mal-barka tiegħek tajtu
ħakma sħiħa fuq il-ħlejjaq.

3.
Rodd, Mulej, is-sliem tal-bidu
lil din l-art li tajtna naħdmu;
jerġa' jidher fiha l-ordni
li ridt int fil-pjan ta' għerfek.

4.
Agħti l-grazzja lil uliedek
biex ifittxu li, f'dil-ħidma,
jimxu lkoll id f'id bejniethom,
għas-sebħ tiegħek u l-ferħ tagħhom.

5.
Isma' talbna, Missier twajjeb,
w int, Waħdieni tiegħu u daqsu,
li ta' dejjem hi saltnatkom
ma' l-Ispirtu Faraġ tagħna. Amen.

**SALMODIJA**

Ant. 1 Kbir il-Mulej, fuq l-allat kollha Alla Sidna.
L-Għid: Jien il-Mulej, is-salvatur u l-feddej tiegħek, hallelujah.

**Salm 134 (135)**
**I**
Faħħru isem il-Mulej, *
faħħruh, qaddejja tal-Mulej,
intom li qegħdin f'dar il-Mulej, *
fil-wesgħat ta' madwar it-tempju ta' Alla tagħna.

Faħħru l-Mulej, għax hu tajjeb, *
għannu lil ismu, għax hu sabiħ.
Għax għażel il-Mulej ‘il Ġakobb, *
lil Iżrael, biex ikun il-poplu tiegħu. –

Naf tassew li kbir il-Mulej; *
fuq l-allat kollha Alla Sidna.
Kull ma jogħġbu l-Mulej jagħmlu †
fis-smewwiet u fuq l-art, *
fil-baħar u f’qiegħ l-ibħra kollha.

Hu jtella’ s-sħab minn truf l-art, †
jibgħat il-beraq u x-xita, *
joħroġ l-irjieħ mill-imħażen tiegħu.

Hu darab l-ulied il-kbar ta’ l-Eġittu, *
kemm bnedmin u kemm bhejjem.
Sinjali u għeġubijiet għamel f’nofsok, Eġittu, *
u laqtu l-Fargħun u l-qaddejja tiegħu kollha.
Hu darab ġnus bla għadd, *
u qered slaten qawwija.
Qered ‘il Siħon, sultan ta’ l-Amurrin, †
lil Għog, sultan ta’ Basan, *
u s-saltniet kollha ta’ Kangħan.
U l-art tagħhom qassamha b’wirt, *
b’wirt lil Iżrael, il-poplu tiegħu.

Ant. Kbir il-Mulej, fuq l-allat kollha Alla Sidna.
Ant. 2 Bierek, Iżrael, il-Mulej; għannu lil ismu għax hu sabiħ.
L-Għid: Imbierka s-saltna ta’ David missierna li ġejja, hallelujah.

**II**
Mulej, għal dejjem idum ismek! *
Mulej, minn żmien għal żmien il-fama tiegħek!
Għax il-Mulej jagħmel ħaqq mal-poplu tiegħu, *
juri ħniena mal-qaddejja tiegħu.

L-idoli tal-ġnus huma deheb u fidda, *
xogħol ta’ id il-bniedem:
għandhom il-fomm, u ma jitkellmux; *
għandhom l-għajnejn, u ma jarawx;
għandhom il-widnejn, u ma jisimgħux; *
anqas nifs ma għandhom fi mnifsejhom.
Bħalhom ikunu dawk li jagħmluhom, *
u dawk kollha li jittamaw fihom. –

Bierek, Iżrael, il-Mulej; *
bierek, dar Aron, il-Mulej;
bierek, dar Levi, il-Mulej; *
bierku l-Mulej, intom li tibżgħu mill-Mulej.

Imbierek il-Mulej minn Sijon,*
hu li joqgħod f'Ġerusalemm.

Ant. Bierek, Iżrael, il-Mulej; għannu lil ismu għax hu sabiħ.
Ant. 3 Il-ġnus kollha jiġu jinxteħtu quddiemek, Mulej.
L-Għid: Ngħannu lill-Mulej għax tkabbar bis-sħiħ, hallelujah.

## Kantiku (Apok 15,3-4)

Kbar u ta' l-għaġeb l-għemejjel tiegħek, *
Mulej, Alla li tista' kollox;
sewwa u veri t-triqat tiegħek, *
Sultan tal-ġnus.

Min, Mulej, ma jibżax minn ismek? *
Min ma jsebbħux?
Għaliex int waħdek qaddis: †
u l-ġnus kollha jiġu jinxteħtu quddiemek, *
għax magħrufa saru l-ġudizzji tiegħek.

Ant. Il-ġnus kollha jiġu jinxteħtu quddiemek, Mulej.

## LEZZJONI QASIRA Ġak 1,2-4

Ħuti, għoddu kollox b'ferħ meta tħabbtu wiċċkom ma' kull xorta ta' tiġrib, għax għandkom tkunu tafu li t-tiġrib tal-fidi tagħkom inissel is-sabar. Ħallu li s-sabar ikollu l-milja tiegħu fikom, biex tkunu perfetti u sħaħ, bla ma jonqoskom xejn.

## RESPONSORJU QASIR

R. Kristu ħabbna u ħallna minn dnubietna * Bis-saħħa ta' demmu. Kristu.
V. U għamilna saltna u qassisin għal Alla. * Bis-saħħa ta' demmu.
Glorja. Kristu.

Ant. tal-kant. ta' Marija Il-Mulej ħa ħsiebna, qaddejja tiegħu, għax ftakar fil-ħniena tiegħu.

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, *
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh
fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. *
Iva, minn issa 'l quddiem
kull nisel jibda jsejjaħli hienja.
Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar; *
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien *
fuq dawk li jibżgħu minnu.

Hu wera l-qawwa ta' driegħu, *
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.

Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom, *
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ, *
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.

Ħa ħsieb Iżrael, qaddej tiegħu, *
għax ftakar fil-ħniena tiegħu
- bħalma wiegħed lil missirijietna - *
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem.

**Glorja …**

Ant. tal-kant. ta' Marija Il-Mulej ħa ħsiebna, qaddejja tiegħu, għax ftakar fil-ħniena tiegħu.

## PREĊI

Numiljaw ruħna quddiem il-Mulej Ġesù, li l-Missier tah minħabba dnubietna u ried li hu jirxoxta għall-ġustifikazzjoni tagħna. Nitolbuh minn qalbna u ngħidulu:
*Mulej, ħenn għall-poplu tiegħek.*
Isma' Mulej, it-talb umli tagħna biex tagħtina l-maħfra, aħna u nistqarru dnubietna:
- fit-tjieba tiegħek, flimkien mal-maħfra, agħtina s-sliem.
B'fomm l-Appostlu Missierna, int għedtilna li fejn kotor id-dnub kotrot fuq li kotrot il-grazzja:
- warrab għalkollox minn quddiem għajnejk il-ħtijiet tagħna.
Dnubietna kbar, Mulej, iżda tjubitek bla qjies:
- agħtina l-grazzja biex nerġgħu niġu għandek.
Mulej, salva lill-poplu tiegħek minn dnubiethom:
- agħmel minnu poplu li fih issib l-għaxqa tiegħek.
Int ftaħt il-ġenna lill-ħalliel imsallab miegħek, għax għarfek u stqarrek bħala s-salvatur:
- tħallix bibien is-sema magħluqa għal ħutna l-mejtin.

**Missierna**

## Talba

Mulej, Missier qaddis, int ridt li Ibnek isir il-prezz tal-fidwa tagħna u jsalvana; agħtina l-grazzja li jseħħilna niksbu l-qawwa tal-qawmien mill-imwiet, billi ngħixu sewwa u nissieħbu fit-tbatijiet ta' l-istess Ibnek Ġesù Kristu Sidna, li hu Alla.

## Għeluq

Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem.
**Amen.**